**14 ta' Frar, 1994**

**Imħallfin: –**

**S.T.O. Prof. Giuseppe Mifsud Bonnici LL.D. – President**
**Onor. Carmel A. Agius B.A., LL.D.**
**Onor. Noel V. Arrigo LL.D.**

Mark Cassar

*versus*

Paul Falzon

## Mandat – Il-Qorti li Għandha Tikkonferma jew Tirrevoka Mandat

*Bħala regola, il-Qorti li għandha tikkonferma jew tirrevoka mandat għandha tkun l-istess Qorti li ħarġet dak il-mandat.*

Il-Qorti: –

1. Din hija kawża proposta biex jiġi kkonfermat il-Mandat ta' Inibizzjoni *numru* 2889/93 li l-attur ottjena mill-Qorti tal-Kummerċ, fejn issa ppreżenta din iċ-ċitazzjoni;

2. Din il-Qorti ta' l-Appell fuq il-lista tagħha tal-lum – kif diġà kellha qabel – għandha kawża oħra fl-istess ismijiet – ċitazzjoni 1017/93, – u għalkemm iż-żewġ kawżi ma ġewx konnessi, ma kienx possibbli li l-Qorti tinjora mhux biss li għandhom jiġu konnessi, iżda addirittura, is-sostanzjali uniċità, taż-żewġ kawżi;

3. F'dik il-kawża, l-attur qed jallega li huwa ġie spoljat billi l-konvenut, fil-proprjetà viċina, qed jesegwixxi xogħlijiet li jostakolaw jew jagħlqu żewġ ventilaturi u tieqa ta' l-attur. Billi l-konvenut huwa bidwi u mhux negozjant u l-materja in kawża hija dik li għadha kif issemmiet, allura kemm il-Qorti tal-Kummerċ, kif ukoll din il-Qorti, b'deċiżjoni tal-lum stess, allokaw il-kompetenza għat-trattazzjoni tal-kawża lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili;

4. Issa f'din il-kawża – ċitazzjoni 1020/93 – il-konvenut, similment, oppona l-inkompetenza tal-Qorti tal-Kummerċ u dik il-Qorti akkoljiet l-eċċezzjoni bl-istess motivazzjonijiet li tat fil-kawża l-oħra;

5. Din il-Qorti ma tistax issegwi l-istess triq għar-raġunijiet segwenti:

(a) **Fil-21 ta' Lulju, 1993**, l-attur ottjena mill-Qorti tal-Kummerċ Mandat ta' Inibizzjoni kontra l-konvenut sabiex dan ma jkomplix jimblokka tieqa u żewġ ventilaturi fil-ħajt diviżorju bejn il-proprjetà ta' l-attur u dik tal-konvenuti Mandat ta' Inibizzjoni 2889/93;

(b) **Fis-27 ta' Lulju, 1993**, l-attur ippropona quddiem il-Qorti tal-Kummerċ – ċitazzjoni 1017/93 – il-kawża ta' spoll

kontra l-konvenut, imma flok ma inkluda l-"konferma" tal-Mandat ta' Inibizzjoni fl-istess ċitazzjoni, billi l-materja ta' din kienet tikkostitwixxi l-ġustifikazzjoni tal-Mandat, ippropona din il-kawża - 1020/93 - li titlob il-konferma tal-Mandat u l-Inibizzjoni permanenti tal-konvenut mill-bini tal-ħajt ta' appoġġ;

6. *Il-konsegwenza ta' dan hija inkonvenjenza proċedurali* li tista' tirriżulta konfużjonarja. Dan għaliex waqt li l-kawża prinċipali in materja - ċitazzjoni 1017/93 - skond id-deċiżjoni mogħtija llum minn din il-Qorti - se *tiġi* ttrattata fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, per neċessità, din il-kawża trid bilfors tiġi ttrattata mill-Qorti tal-Kummerċ għaliex (a) bħala regola, il-Qorti li għandha tikkonferma jew tirrevoka mandat għandha tkun l-istess Qorti li ħarġet dak il-mandat u (b) l-artikolu 37 Kap. 12 jipprovdi proprju li l-Qorti tal-Kummerċ għandha tiddeċidi l-kwistjonijiet kollha li jinqalgħu wara mandat li tkun ħarġet l-istess Qorti;

Dan l-aħħar artikolu difatti ġie riċentement applikat proprju f'deċiżjoni li tirrigwarda l-kompetenza tal-Qorti tal-Kummerċ: App. Ċiv. 2-6-1993 R. Calleja *et vs* Joseph *Abdilla et;*

Hemm imbagħad punt importanti ieħor. Hawnhekk *si tratta* ta' Mandat ta' Inibizzjoni u dan il-Mandat irid *jiġi distint minn* mandati oħra, meta tiġi ssollevata kwistjoni ta' kompetenza, għaliex f'dan il-mandat huwa possibbli għad-debitur li joġġezzjona l-kompetenza malli jirċievi r-rikors biex jinħareġ il-mandat, waqt li f'każijiet ta' mandati oħra dawn jinħarġu immedjatament mill-Qorti li fir-reġistru tagħha tiġi ppreżentata t-talba għall-mandat (ara Kumm. 1-8-1988 Dr. T. Fenech *noe vs* M. Firman *noe).* Dan kien ikollu konsegwenzi proċedurali differenti;

Fil-każ preżenti, ebda oġġezzjoni ta' inkompetenza ma ġiet issollevata meta intalbet l-inibizzjoni u allura r-regola ġenerali għandha tiġi segwita;

Għal dawn ir-raġunijiet din il-Qorti qiegħda definittivament tiddeċidi li l-Onorabbli Qorti tal-Kummerċ hija kompetenti biex tkompli tittratta u tiddeċidi din il-kawża;

L-atti għandhom jintbagħtu lura lil dik il-Qorti fiż-żmien utili.